# IL-MITĦNA TAR-RIĦ TAL-GRAN MASTRU CARAFFA

Qabel il-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, l-uniċi mtieħen li kienu jeżistu f'Malta kienu dawk imsejjħa tal-Miexi. Kienu jinsabu f'Malta għal ħafna mijiet ta' snin qabel l-1530. Illum għad fadal biss il-kamra tagħhom u mhux l-ewwel darba li tara xi riklam biex tinbiegħ dar u jgħidlek li fiha mitħna.

Il-Kavallieri kienu mdorrijin bl-imtieħem tar-riħ f'Rodi, u x'aktarx hemm ukoll kellhom il-monopolju tat-tħin. Meta ġew hawn Malta raw dan il-bżonn u x'aktarx magħhom ġabu l-ewwel mitħna maghrufa bħala *Postmill* kif jidher mill-mappa ta' Jean Quentin. Wara l-Assedju tal-1565 il-Kavallieri qatgħuha li jibqgħu hawn Malta, u għalhekk kellhom jaħsbu għal kollox, l-imtieħem ukoll.

Kienu erbgħa l-Gran Mastri li bnew il-biċċa l-kbira tal-imtieħen. Cottoner, Caraffa, Perellos u Manoel de Vilhena kollha ħolqu fondazzjoni għalihom. Hemm min igħid li l-Gran Mastru Lascaris (1636-1657) bena xi mtieħen ukoll, iżda ma jidhirx li hu hekk mir-reġistru tal-fondazzjoni Lascaris. Ta' min jiftakar li l-Gran Mastru u l-Kavallieri kienu spekulaturi kbar tal-proprjetà u monopolu bħal dan kien jirrendi l-flus. Meta kienu jmutu, ġidhom kien jgħaddi għand l-Ordni, u meta l-Ordni tkeċċiet minn Malta, din il-proprjetà għaddiet għand il-Gvern. Dawn l-imtieħen kienu jinkrew lil Maltin għal ftit snin u mhux l-ewwel darba li persuna waħda jew tnejn kienu jikruhom mingħand l-Ordni u wara jinkrew lil individwi oħra. Mir-reġistri tat-teżor, bjen l-1808 u l-1814, jidher li l-Kavallieri ħallew 26 mitħna f'Malta u 5 oħra f'Għawdex, kollha jaħdmu. Fi żmien l-Ingliżi l-imtieħen baqgħu jaħdmu u żdiedu oħrajn privati għax il-popolazzjoni kienet kibret. Fl-1813 biss kienu ħadu daqqa ta' ħarta u dan għax kien hawn il-pesta. L-imtieħen tar-riħ waqfu meta bdew deħlin l-imtieħen jaħdmu bl-isteam jew kif kienu magħrufa Molini a Vapore.

Il-Mitħna ta' Ħal Luqa kienet waħda minn dawn. Kienet tinsab fejn illum hemm il-bini tal-Għassa ta' l-Ajruport il-qadim, fit-triq li tagħti għaż-Żurrieq. Hawn ħafna li jiftakru l-inħawi tagħha, iżda bħal kull wirt storiku ieħor fir-raħal tagħna sab ruħu vittma tal-gwerra u ta' l-iżvilupp. Il-Mitħna tar-raħal kienet waħda minn għaxra li bena l-Gran Mastru Caraffa (1680-1690). Għaliex bena din il-Mitħna hemm barra? Ta' min igħid li l-imtieħen tar-riħ qatt ma kienu jinbnew fil-bini, ċioè fl-abitat, iżda fil-beraħ tal-kampanja għar-raġuni sempliċi... ma nbnewx biex iżejnu l-kampanja Maltija, iżda biex jaqilgħu l-flus. jekk wieħed jara kif kienet din il-parti ta' Malta, jiġifieri minn Ħal Luqa saż-Żurrieq, jinduna li tlett irħula li kellhom mitħna kienu Ħal Luqa, ż-Żurrieq u l-Qrendi. Dawn ma nbnewx mill-istess Gran Mastru jew fl-istess żmien. Aktarx




*Pjanta u prospettiva ta' waħda mill-imtieħen li jinsabu fil-Cabreo tal-Fondazzjoni Vilhena*



*Il-Mitħna li kien hemm fuq is-sur tal-Belt fejn illum hemm il-ġnien ta' Hastings*

li nbew skond kemm kien hemm domanda għax kienet kibret il-popolazzjoni. Ma dawn l-imtieħen, fl-istess żmien kienu jaħdmu l-imtieħen tal-Miexi. Dawn kienu privati. Fi żmien l-Ingliżi, inbnew oħrajn, tnejn fiż-Żurrieq u oħra fl-Imqabba.

Nafu mir-Reġistri tal-amministrazzjoni tagħhom lil min kienu mikrija minn mindu nbnew sakemm spiċċaw jaħdmu. Hekk ngħidu aħna ta' Ħal Luqa inkriet għal ħafna żmien u għaddiet f'idejn diversi nies. L-aħħar snin tagħha għaddiethom isservi bħala dar, sakemm l-Air Ministry waqqgħuha fl-1943. Stejjer marbutin ma' dawn l-imtieħen hemm kemm trid. Biż-żejjed tifli r-reġistri ta' l-amministrazzjoni ta' żmien l-Ingliżi u t-talbiet li kienu jagħmlu t-taħħana li kienu jikruhom matul iż-żmenijiet. Per eżempju, Ġanni Sammut li kellu f'idejh il-Mitħna ta' Ħal Luqa, fl-1815 kien qed jitlob li jiġi preferut meta l-istess Mitħna tkun mikrija. It-talba tiegħu kienet iġġib id-data tat-23 ta' Jannar, 1815. Fl-1821, l-istess Ġanni Sammut qed igħid li kellu d-dejn fuq l-istess mitħna. Fl-1822 Gaetano Xicluna qed jitlob tnaqqis fil-kera tal-Mitħna ta' Ħal Luqa għax kien għamel xi tiswijiet. Innocenza D'Amato fl-1823 talbet biex tikri art pubblika wara l-Mitħna. Insibu ħafna talbiet minn dawn u l-lista ma tispiċċa qatt. L-aħħar darba li nkriet din il-Mitħna kien fl-1924 bħala residenza.

Kaž interessanti li ġara f'din il-Mitħna kien l-imxija tal-pesta fis-snin tletin. Kienhemm każijiet oħra f'Malta. Fl-1 ta' Lulju 1943 l-awtoritajiet militari għaddew il-Mitħna lil Air Ministry u wara twaqqgħet għax kienet ta' tfixkil għall-ajruplani. L-Air Ministry baqa' jħallas il-kera tal-Mitħna lill-Gvern Ċivili sakemm sar il-kuntratt fid-29 ta' Marzu 1963. Bħala ħlas, l-Air Ministry ta biċċa art lil Gvern Ċivili li kellu f'Marsaxlokk. L-aħħar kera li ħallas il-kerrej għal din il-Mitħna kien ta' ħdax-il xelin fis-sena.

**Anton Morana**

Referenzi:

G. Micallef: "Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha"
A. Morana: "L-Imtieħen tar-Riħ fil-Gżejjer Maltin", Il-Liċeo Ħamrun, 1991

Ħajr:

Arkivji Nazzjonali – Santo Spirito, Rabat: Petitions: P.W1. p. 64 23/1/1815. P.W4 p. 88 13/4/1821. P.W.4 p. 159 22/3/1822. P.W.5 p. 8 28/11/1823
Dipartiment tal-Informazzjoni (Gazzetta tal-Gvern): Nru 6643, 14/3/1924
Arkivji Notarili, l-Belt Valletta: Deed Nº 68, 29/3/63

ANTHONY
MARMARA
ALUMINIUM
WORKS
"MANDOLINA", XGHAJRA ROAD, ZABBAR.
TEL: 691552